Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Tony Cachia]

vs

Bryden Azzopardi

Kumpilazzjoni Numru: 496/2010

Illum, 10 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bryden Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 104090M akkuzat:

a) Talli nhar il-25 ta' Marzu 2010, ghall-habta ta' 16:15hrs, fi Triq Mdina Zebbug Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura bil-mutur (mini-bus) b'numru ta' registrazzjoni HMY 151 ghad-detriment ta' Joseph Spiteri, ghall-ammont ta' 968.18 Ewro,

b) U aktar talli fl-istess data hin lok, u cirkustanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Benjamin Farrugia skond kif iccertifika Dr Joseph Agius Muscat MD Med reg no: 2539, mic-centru tas-sahha tal-Furjana,

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi saq vettura tal-passigieri b'numru ta' registrazzjoni FBY 739 meta ma kellux licenza tas-sewqan adatta kif provdut fir-Regolamenti dwar Licenzi ghas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, (ta' Route Bus) u tag ta' identita` mahruga lilu mill-Awtorita`,

d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq motor-car jew vettura ohra bil-mutur u cioe (Route Bus) b'numru ta' registrazzjoni FBY 739 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

e) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura bil-mutur u cioe` Route Bus b'numru ta' registrazzjoni FBY 739 minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni,

f) U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin li saru definittivi

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta` ta' Benjamin Farrugia.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument dwar flus fejn l-imputat spicca saq wara Benjamin Farrugia li kien fuq xoghol isuq xi haddiema u meta kienu weqfin l-istess imputat spicca mar hdejn il-vann li kien qed isuq Benjamin Farrugia u kissirlu xi hgieg.

Xehed it-tabib **Dr. Joseph Agius Muscat** li kien ezamina lil Benjamin Farrugia fil-25 ta' Marzu 2010 fil-poliklinika fejn iccertifika l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Huwa pprezenta c-certifikat relattiv (Dok. JAM a fol. 18).

Xehed **Stephen Cachia** li qal l-vettura FBY 739 hija Bedford route bus li fil-25 ta' Marzu 2010 kienet irregistrata fuq Tracy Azzopardi (ID 131681M). Mir-ricerka li saret fuq l-imputat irrizulta li huwa ghandu licenzja tas-sewqan *"kategorija B jigifieri ta' karozza normali li l-weight ma jaqbizx 3500 kilos u l-passiggieri ma jaqbzux 8 plus ix-xufier u din il-licenzja giet mahruga fis-16 ta' Settembru 2010 u valida sal-15 ta' Dicembru 2013."* Huwa esesbixxa Dok. SC.

Xehed **Benjamin Farrugia** li gharaf lill-imputat fl-awla. Huwa qal li jahdem bil-minibus u kien fuq it-telgha ta' Hal-Qormi sejjer lejn

ir-Rabat ghax kellu n-nies fejn f'daqqa wahda ra xarabank kbir gej sparat u jaqbez it-traffiku kollu. Ix-xhud qal li huwa baqa' jsuq u l-imputat beda jrossu u meta gie go sqaq fejn ma setax jghaddi l-imputat nizel b'kanna u beda jaghti fuq il-vann u kissirlu l-hgieg tal-genb. Ix-xhud spjega li kellu kwistjoni mal-imputat u x'hin l-imputat, li kien ipparkjat, rah startja t-trakk u mar sparat warajh. Huwa qal li l-imputat kien warajh sejjer fl-istess direzzjoni fejn beda jrossu u jaqbez karozzi iktar minnu u x'hin dahal go sqaq l-imputat baqa' jmur warajh u waqaflu f'kantuniera fejn imbaghad l-imputat ma setax jghaddi iktar. Hemmhekk l-imputat nizel u beda jaghti fuq il-hgieg. Ix-xhud qal li kellu xi tfajliet fil-vann li kienu xhieda ta' dan l-akkadut. Ix-xhud spjega li l-vann huwa ta' Garden of Eden Garage. Ix-xhud qal li ghandu jaghti xi flus lill-imputat. Zied jghid li l-imputat dak il-hin beda jidghi u jghidlu li ser ikissirlu l-vann ghalkemm ix-xhud qallu li l-vann mhuwiex tieghu. Ix-xhud qal li ma sofra minn ebda griehi. Qal li fit-trakk kien hemm l-imputat u missieru pero` kien l-imputat stess li kien qed isuq. Ix-xhud ikkonferma li l-vann li kien qed isuq huwa dak li jidher fir-ritratti a fol. 32 tal-process izda huwa qal li ma kienx hu li ha r-ritratti u lanqas kien prezenti meta ttiehdu.

Inkontroezami x-xhud qal li l-imputat kien wieqaf ipparkjat u warajh go vann iehor kien hemm missieru ("*missieru kien go vann iehor*"). Qal ukoll li missier l-imputat ma kienx qed isegwih. Ix-xhud qal li huwa waqaf ghaliex it-tfajliet li kienu fil-vann qalulu li riedu jinzlu u li ma riedux problemi. X'hin waqaf nizlu t-tfajliet kollha u kif ra lill-imputat bil-kanna beda jsuq izda ezatt kif saq beda jaghti bil-kanna. Mistoqsi jekk kulhadd kien nizel mill-vann tieghu meta l-imputat beda jaghti fuq il-vann bil-kanna, ix-xhud qal li kulhadd kien diga` nizel u l-bieb tal-vann kien maghluq. Mistoqsi jekk setax isuq peress li kien xehed qabel li ma setax isuq ghaliex l-imputat ghalaqlu t-triq qal li iva seta' jsuq u li ma setax isuq meta kien hemm it-traffiku. Qal li t-tfajliet nizzilhom fil-*main road* u mhux f'*side street* u wara kien mar f'*side street* sabiex jevita lill-imputat: *"Jiena nizzilt lin-nies. Hu kien hemm fuq nett. Kien qieghed fejn tat-tyres. Jiena x'hin rajtu mar igib mit-trakk din il-kanna, ghax gab kanna, jiena startjajt biex nitlaq biex lilu nifrankah. Tant hu hekk li ntefa' f'nofs it-triq meta gie biex jaghti bil-kanna, f'nofs it-triq, illi jiena kwazi tajjartu. Imbaghad beda jfaqqa' fil-gnub u kissirli tlieta tal-genb tal-passiggier."* Mistoqsi min kien xhud ta' dan qal li kien wahdu. Huwa qal li l-imputat gab il-kanna tal-hadid li kien ta' xi metru u nofs minn got-trakk tieghu.

Illi xehdet **Donnalise Gafa`** li qalet li kienet fil-vann ta' Benjamin wara x-xoghol u x'hin waslu fil-*main road* ta' Hal-Qormi "*hareg wiehed bix-xarabank u jsabbat mal-vann u ahna bqajna ghaddejjin u baqa' jsuq warajna. Imbaghad jiena inzilt, ma nafx x'gara iktar*." Ghalkemm harset madwar l-awla x-xhud qalet li ma tafx min kien qed isuq ix-xarabank. Qalet li hija kienet nizlet fejn hemm l-Auto Dealer ta' Haz-Zebbug u waqfet hemm ghaliex bdiet tibza'. Qalet li apparti hi l-ohrajn ukoll nizlu mill-vann; kienu xi hamsa b'kollox. Qalet li x'hin harget mill-vann ma rat lil hadd iktar got-triq u kulhadd telaq. Qalet li x-xarabank kien ilu jsegwihom minn fejn is-Shopwise sa fejn ir-roundabout. Qalet li ma tafx minn fejn hareg ix-xarabank ghax hareg ghall-gharrieda. Dak il-hin li beda jsegwihom ix-xhud u l-passiggieri l-ohra qalu lil Benjamin Farrugia biex jaghfas il-gas ghaliex tax-xarabank kien ser jilhaq maghhom. Qalet li hasbet li x-xarabank kien ser iweggaghhom peress li "*qabel ma baqa miexi minn fejn is-Shopwise nizel ghal Benny. .. Kemm habbat mal-hgiega u imbaghad Benny ghafas il-gas u saq u baqa' jigri warajna*." Qalet li lill-imputat qatt ma ratu; qalet ukoll li x-xufier tax-xarabank kien bil-hwejjeg tax-xoghol u kien ftit qawwi u naqra samrani. Ziedet tghid li kien qed isuq bis-sahha. Hija qalet li l-imputat jista' jkun il-persuna li kienet qed issuq ix-xarabank. Qalet li

sakemm kienet fil-vann ix-xarabank fl-ebda hin ma qabzithom. Skont ix-xhud l-imputat ghamel biss mossa fejn ix-Shopwise fejn habbat naqra biss mal-hgiega tal-passiggier imbaghad baqa' jsuq warajhom. Dan gara meta x-xarabank ghalaq it-triq biex ma jghaddux u nizel hdejn it-tieqa oppost tas-*seat* tad-*driver*, *"...imbaghad ghidnilu suq suq u imbaghad saq.*"

Xehed l-**Ispettur Tony Cachia** li esebixxa l-istqarrija tal-imputat (esebita bhala Dok. TC1). In kontroezami l-Ispettur qal li meta kellem lill-imputat qallu li kellu jiehu xi 2,000 ewro minghand Benjamin Farrugia. Skont ma qallu Benjamin ma kellux itih iktar minn 600 ewro. L-Ispettur ikkonferma li ra l-hsara fuq il-vettura fejn ra xi tliet (3) hgigiet imkissrin fuq in-naha tax-xellug.

Illi fl-istqarrija tieghu l-**imputat Bryden Azzopardi** qal li ra lil Benjamin Farrugia gej minn warajh u mar biex ikellmu sabiex jara meta ha jtih il-flus u x'hin mar biex ikellmu saq ghal fuqu u baqa' jsuq 'il fuq. Hu rikeb ma' missieru u telqu warajh. Hin minnhom Benjamin gibed lejn is-Siggiewi u huma waqfu mar-*roundabout*. X'hin Benjamin rega' waqaf mar-*roundabout* l-imputat mar jigri jkellmu "*u x'hin mort biex inkellmu hu rega' gie biex isuq ghal fuqi u jiena hemmhekk tajtu d-daqqiet mal-vann. U jiena naghti*

*d-daqqiet mal-vann qalli din tpattija m'intix ha tehlisha minn ghandi. Jien waqaft biex inkellmu bil-kelma t-tajba.*" Mistoqsi mill-Ispettur biex kisser il-hgieg qal hekk: *"Dak sibt xi haga ma' l-art kien fejn il-bankina, la naf kienet injama u lanqas hadida u dak il-hin bil-fixkla tajt biha ghax hu kien saq ghal fuqi.*" L-imputat qal li kien lest ihallas l-ispejjez tal-hsarat: "*niehdu surveyor u nifthemu.*"

L-imputat qal li Benjamin kellu xi hames passiggieri u meta hareg minn fejn tal-balavostri ma kellux nies iktar. Huwa qal li beda jsuq missieru u mhux veru li beda jross lil Benjamin bit-trakk. Qal li missieru ghandu licenzja biex isuq trakkijiet izda huwa ghandu licenzja normali u l-ohra ghadu ma gabhiex. L-imputat qal li mar ikellem lil Benjamin fuq kwistjoni ta' flus.

Xehed ukoll **Alfred Spiteri** li qal li ghandu kumpanija jisimha G&A Operations Limited fejn jaghmel xoghol ta' trasport ghall-haddiema u tfal tal-iskola. Qal li lill-imputat ma jafux. Huwa spjega li kien ghaddej xufier minn taghhom (Benjamin Farrugia) fl-inhawi ta' Haz-Zebbug u kien cemplilhom li waqaf xi hadd hdejh meta kien mghobbi bil-passiggieri tat-Toly Products u li din il-persuna bdiet tkisser il-hgieg. Qal li l-vann li kien qed isuq

Benjamin Farrugia huwa tieghu u kellu jsewwi l-hsarat. Ix-xhud ikkonferma l-*invoice* esebita a fol. 28 tal-process li jammonta ghal disa' mija u tmienja u sittin ewro u dsatax-il centezmu (€968.19c).

Illi d-difiza ma resqet l-ebda provi u ghalkemm inghatat zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet hija naqset milli taghmel dan.

Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru 2019 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi minn harsa lejn il-provi li jinsabu fl-atti jirrizulta li l-verzjoni tal-parte civile qatt ma giet kontradetta mill-imputat; tant hu hekk li l-imputat ma ressaq l-ebda provi in difiza. Il-verzjoni tal-imputat tohrog biss mill-istqarrija tieghu fejn huwa stess qal li mar wara l-parte civile u x'hin waqaf mar jigri jkellmu u meta ra li kien ser isuq ghal fuqu beda jaghti daqqiet fuq il-vann. L-imputat stess qal li sab xi haga mal-art fejn il-bankina u bil-fixkla beda jaghti d-daqqiet biha. Jirrizulta ghalhekk car li kien propju l-

imputat li, ghalkemm jghid li mar biex ikellmu bil-kelma t-tajba, kellu di fatti diga` xi haga f'idejh meta mar hdejn il-parte civile. Jirrizulta l-ammissjoni da parti tal-imputat ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza u jirrizulta wkoll li l-Prosekuzzjoni ppruvat tali akkuza sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghar-rigward it-tieni akkuza, ghalkemm gie esebit certifikat mediku li gie wkoll mahluf mit-tabib koncernat, Benjamin Farrugia nnifsu kkonferma bil-gurament illi huwa ma garrab l-ebda griehi u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser issib htija ghar-rigward din l-akkuza.

Illi rigward it-tielet akkuza li tittratta sewqan minghajr licenzja tas-sewqan addatta (u cioe` ta' Route Bus), il-Qorti tinnota li l-Artikolu 131(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65. 11 gie revokat permezz tal-Avviz Legali 252 tal-elfejn u hdax (2011) u ghaldaqstant a bazi ta' principju li jrid jittiehed inkonsiderazzjoni l-piena l-iktar favorevoli ghall-imputat il-Qorti ser tillibera lill-istess imputat minn din l-akkuza.

Illi dwar il-hames akkuza u cioe` dik li l-imputat saq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, il-Qorti

tinnota li l-imputat fl-ebda hin ma pprezenta polza sabiex juri l-kuntrarju.

L-imputat fl-istess hin pero' qal li ma kienx hu li kien qed isuq izda huwa kien riekeb ma' missieru. Mill-banda l-ohra l-parte civile qal bil-gurament li kien l-imputat li kien qed isuq. Dan il-fatt gie kkoroborat minn wahda mill-passiggieri li kienet riekba mal-parte civile, Donnalise Gafa`, li ghalkemm ma setghetx taghraf lill-imputat u ghalkemm ma kinitx prezenti ghall-incident kollu, qalet li l-bniedem li beda jsabbat mal-vann wara beda jsuq warajhom: "*hareg wiehed bix-xarabank u jsabbat mal-vann u ahna bqajna ghaddejjin u baqa' jsuq warajna".* Illi ghalhekk ma hemmx dubju li kien proprju l-imputat li kien qed isuq u mhux missieru. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita l-kredibilita` tal-parte civile, b'mod specjali meta l-imputat lanqas biss innega tali verzjoni. Apparti minn hekk il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi necessarji sabiex tipprova oltre kull dubju li l-imputat ma kellux licenzja adatta u b'hekk *multo magis* ma kellux polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni; ghaldaqstant it-tielet u l-hames akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Illi mit-testimonjanza tal-parte civile jirrizulta wkoll li s-sewqan tal-imputat kien wiehed perikoluz u traskurat. Skont il-parte civile l-imputat kien warajh sejjer fl-istess direzzjoni fejn beda jrossu u jaqbez il-karozzi. Illi in oltre x-xhud Donnalise Gafa` qalet li kellha tinzel ghaliex bdiet tibza' li l-imputat, li kien qed isegwihom, b'xi mod kien ser iweggaghhom.

Illi ghar-rigward is-sitt (6) akkuza, u cioe` dik tar-recidiva, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova f'dan is-sens u ghalhekk sejra tillibera lill-imputat minn tali imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 131 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Bryden Azzopardi hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2), it-tielet (3) u s-sitt (6) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed timponi wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat Bryden Azzopardi ghall-perjodu ta’ tnax (12)-il xahar dekoribbli min-nofsillejl ta’ ghada.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Bryden Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**